**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Zachary Zammit)**

**-vs-**

**Marc Anthony Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 46603L**

*Kumpilazzjoni Nru. 158/2023*

Illum, 10 ta' Lulju, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Marc Anthony Mifsud** u ċioè talli:

Nhar l-20 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn l-22:00hrs u l-23:00hrs, ġewwa ġnien pubbliku li jinsab fl-akkwati tal-Pendergardens, Triq Gort, San Ġiljan;

1. Ikkommetta serq ta' mobile liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Berat Yildizhan.
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed fil-periklu għall-hajja, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Berat Yildizhan, skond kif ġie ċertifikat minn Dr. Chantel Zammit, Med Reg. 6570 ġewwa l-isptar Mater Dei.
3. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm

jew issekwestra lil Berat Yildizhan kontra l-volontà' tiegħu u waqt dan ġie ikkaġunat offiża fuq il-persuna tiegħu.

4. Volontarjament kiser l-ordni u l-paċi pubbliku.

Il-Qorti intalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kwalunkwe restituzzjoni li għanda tiġi magħmula lill-partijiet involuti għall-kwalunkwe hsarat jew inġurji soferti.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-7 ta' Marzu, 2023, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġbet li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali tiegħu li ma toħloq ebda preokkupazzjoni għall-Qorti w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

Ġie kunsidrat li t-tielet imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini għall-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti tgħat piż kbir lil dak li ġie kkonstatat mill-esperti psikjatriċi[1] u psikoloġiċi tagħha kif ukoll mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation[2].

Dan il-ġuvni nnifsu spiċċa vittma taċ-ċirkostanzi tal-ħajja fejn hu aflitt minn kundizzjoni li llum li ġiet *diagnosed* definittivament u għalhekk hu biss minn issa li din tista' tibda tiġi ndirizzata tassew minn speċjalisti fl-oqsma diversi biex il-progress li għamel l-imputat ma jintilifx.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 86, 87(1)(c), 214, 215, 216, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(b), 275, 277(a), 280(2) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u ai termini tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* għall-perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa għall-kundizzjoni tiegħu. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Ai fini tal-istess ordni l-Qorti qed tirrakkomanda l-awtoritajiet kompetenti ta' Monte Karmeli sabiex skond kif kontemplat bl-***Att dwar is-Saħħa Mentali***, Kapitolu 525 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitpoġġa taħt **Ordni ta' Kura fil-Komunità**, sabiex ikun assigurat li jibqa' jingħata t-trattament kollu neċessarju inkluż dak psikoloġiku, psikjatriku u soċjali li tant jidher li jinħtieġ u li n0nuqqas tiegħu wasslu biex jaqbeż l-għatba tal-inkarċerazzjoni.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mar-rapporti tal-esperti Dr. Joseph Cassar, Dr. Veronica Ellul Federici u Dr. Emma Micallef-Konewko jintbagħatu lil Dr. Anton Grech u Dr. David Cassar.

---

[1] **DokJCVEF** u **Dok.EMK**
[2] **Dok.SF** a fol.40 et seq

Tordna wkoll li kopja tal-istess sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**